Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 19/12

**Minuti tad-dsatax-il laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 25 t'April 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fis-6.00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); l-membri Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Joe Cordina, Philip Vella, Nicky Saliba, Charles Said, Anthony Formosa, Mario Azzopardi, Andrew Vella, Paul Buttigieg (membru sostitut) u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi il-minuti tat-18–il laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

Il-President intervjena sabiex jieħu l-okażżjoni jagħti l-awgurju tiegħu lill-membri l-ġodda ta' dan il-Kumitat Reġjonali. Huwa ħeġġeġ lil dawn il-membri sabiex bħal membri ta' qabilhom ikunu kommessi fil-ħidma ta' dan il-Kumitat.

1. <u>**Korrispondenza**</u>

1.1 Mingħand Rodeco Ltd. dwar proposta ta' asfaltar u tiswija u manutenzjoni ta' toroq residenzjali. Il-membri kollha qablu illi għandha tintlaqa t-talba sabiex issir il-preżentazzjoni minn din il-kumpanija.

1.2 Mingħand Maurice Caruana rigward ir-regolamenti tat-tender għall-Provvediment tas-Servizzi tal-Infurzar Lokali fejn jiġi regolati l-*Local Wardens.*

1.3 Mingħand Joseph Tabone mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar investigazzjoni fuq il-ħidma tal-Kumitat Reġjonali każ 341/12. Ġiet ippreżentata ukoll ir-risposta mis-Segretraju datata 16 t' April 2012.

1.4 Mingħand Joseph Tabone mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar investigazzjoni fuq il-ħidma tal-Kumitat Reġjonali każ 118/12. Ġiet ippreżentata ukoll ir-risposta mis-Segretraju datata 09 t' April 2012.

1.5 Mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward it-Tipping fees u ħlasijiet lill-*WasteServ.*

1.6 Mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 65/2011.

1.7 Kopja tal-ittra mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali rigward il-ġurament tas-Sindki u Viċi Sindki ġewwa Għawdex. Is-segretarju nforma illi l-Kumitat Reġjonali ħass illi kellu jintervjeni fuq din il-materja peress illi kien il-Kumitat illi koordina din l-attività.

1.8 Mingħand Transport Malta rigward laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar in-*National Speed Management Policy.*

**2. Ħatra ta' Viċi President**

2.1 Il-President stqarr illi peress li Paul Buttiġieġ illi kien jokkupa l-kariga ta' Viċi President mhux ser ikun membru tal-Kumitat Reġjonali għandu jiġi maħtur Viċi President ġdid. Huwa rringrazzja lil Paul Buttiġieġ tal-ħidma tiegħu u qal illi l-uniku membru illi avviċinah sabiex ikun Viċi-President tal-Kumitat Reġjonali huwa Joseph Sultana (membru). In-nominazzjoni ta' Joseph Sultana ġiet issekondata minn Charles Said (membru). Is-Sur Joseph Sultana ġie maħtur Viċi President b' mod unanimu.

**3. Ħatriet fuq il-Gozo Regional Committee fi ħdan l-MCESD/ Gozo Action Group Foundation**

3.1 Il-Kumitat Reġjonali għadda sabiex jagħmel il-ħatriet tiegħu fil-*Gozo Regional Committee* fi ħdan l-MCESD u l-Gozo Action Group Foundation. Il-President ippropona illi l-karigi ta' membri eżistenti tar-Reġjun f' dawn il-fora għandhom jibqgħu u jimtlew biss il-postijiet li ġew vakanti. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Il-ħatriet ġodda huma dawn:

Gozo Regional Committee fi ħdan l-MCESD

| *Membru* | *Membru Sostitut* |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | Joseph Sultana |
| Charles Said | Frans Cauchi |

Gozo Action Group Foundation

Dr Samuel Azzopardi

Il-Kumitat Reġjonali kkonferma l-ħatriet eżistenti illi huma okkupati minn Joe Cordina bħal membru kemm tal-*Gozo Regional Committee* fi ħdan l-MCESD u tal-Gozo Action Group Foundation u Dr Monica Vella bħala mebru sostitut tal-*Gozo Regional Committee* fi ħdan l-MCESD.

**4. Offerta tal-Authorised Officer.**

Is-Segretarju preżenta r-rapport tal-Bord t' Aġġudikazzjoni dwar l-offerta għall-uffiċjal awtorizzat. Huwa nforma illi kien hemm biss offerent wieħed – Toad Management Services Ltd. u li l-Bord kien iffurmat skont ċirkulari maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-ħatriet saru waqt laqgħa tal-Kumitat Reġjonali. Il-Bord t' Aġġudikazzjoni evalwa din l-offerta u kkonkluda illi l-offerta tista' tingħata peress illi kemm mill-att amministrattiv u tekniku hija tajba. Il-Kumitat Reġjonali ra l-aspett finanzjarju u talab li-segretarju jikteb lid-Direttur tal-Kuntratti jekk il-Kumitat Reġjonali jistax jiltaqa' mal-offerent. L-offerta globali kif preżentata minn Toad Management Services hija ta' € 12,000 Vat eskluż fis-sena. Dan l-ammont jeskludi servizzi anċillari.

**5. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

5.1 Il-Kumitat approva skeda numru 13 illi tammonta għall-€19,624.41 kif annessi ma dawn il-minuti.

## 6. Materji Oħra

6.1 Il-President informa li hu u s-Segretarju ser jattendu laqgħa teknika tal-European Regions for Youth (ERY Network) ġewwa Bordeaux bejn id-9 u 12 ta' Mejju 2012. Huwa qal illi din ser tkun l-aħħar laqgħa qabel l-Annual General Meeting tal-ERY illi huwa skedat sabiex isir ġewwa Għawdex f' Settembru ta' din is-sena. Diġa' bdew il-preparamenti f'dan ir-rigward.

6.2 Andrew Vella (membru) fakkar dwar il-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 26 t'April fuq proposti għall-enerġija alternattiva ġewwa Għawdex. Hu qal illi l-laqgħa li għaliha ser tattendi l-Ministru għal Għawdex ser issir preżentazzjoni minn Kumpanija Awstrijaka. F'dan ir-rigward intervjena Paul Buttiġieġ (membru sostitut) fejn saqsa illi peress li s-sors prinċipali t' enerġija alternattiva illi qed jiħi propost huwa r-riħ saqsa jekk hux qed isir qari tar-riħ fiż-żona fejn qed jiġi propost dan il-proġett. Qal ukoll illi waħda mill-problemi sabiex jiġu nstallati dawn it-turbini ta' daqs kbir huwa t-trasport sabiex jaslu fil-post t' installazzjoni. Andrew Vella (membru) qal illi waqt il-laqgħa ser ikun hemm ħin għad-diskussjoni. Dwar il-qari tar-riħ is-Sur Vella qal illi ġie identifikat post fil-punent t' Għawdex sabiex jiġi stallat arblu sabiex jaqra r-riħ.

6.3 Il-President ta rapport qasir tal-laqgħa illi hu kellu mal-Ministru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari. Huwa qal illi fir-rigward t'uffiċju għall-Kumitat Reġjonali għandha tinħareġ *expression of interest* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

6.4 Andrew Vella (membru) saħaq illi peress li bħalissa għaddej bosta xogħol infrastrutturali f'numru ta' toroq arterjali, għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni bejn l-wardens u Transport Malta, b'mod partikolari rigward ftuħ u għeluq ta' toroq. Hu għamel referenza b' mod partikolari għat-triq ta' Wara s-sur fejn it-tabelli tal-one ways qed jinbidlu ta' sikwit. Il-President għalkemm qabel illi Transport Malta għandhom jinfurmaw minn qabel bl-għeluq u ftuħ tat-triqat semma tlett aspetti illi tirrigwarda l-infurzar lokali:

- Is-sistema tal-infurzar lokali trid tifdi lilha nnifisha u għakemm minn żmien għall-ieħor jkun hemm proġetti għaddejjin fit-toroq, m'għandhiex tintuża bħala skuża sabiex jonqsu ċ-ċitazzjonijiet.
- Il-Gwardjani lokali għandhom iżommu ruħhom infurmati bil-bdil ta' tabelli fit-toroq sabiex ma jinħolqux inkonvenzjonijiet bla bżonn.
- Jekk il-membri jinnutaw jew jidħol xi rapport t'abbuż minn xi gwardjan lokali, is-Segretarju tal-Kumitat Reġjonali għandu jiġi avżat minnufih sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa.

6.5 Joe Cordina (membru) staqsa jekk hemmx statistika dwar kemm ġew ikkanċellati ċitazzjonijiet mill-Bord tal-petizzjonijiet u t-tribunal tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju nforma illi ser jippreżenta l-istatistika mitluba fil-laqgħa li jmiss.

_________________ _________________

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi<br>President<br>Reġjun Għawdex | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |